MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-28 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 169/2003

**Joseph Scicluna u Joseph Vella**

**vs**

**Patrick Delia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Jannar, 2003, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' elf, mitejn u sittin lira Maltin (Lm1,260.00) rapprezentanti soma flus li nghatat lill-konvenut bil-kundizzjoni li l-istess konvenut idahhal fil-hanut minnu gestit 'Bayview Bar' f'Birzebbugia 'amusement machines' tal-atturi u dank if miftiehem fi skrittura bejn il-partijiet datata 5 ta' Lulju 2002. Rrizulta li wara li ha flus il-konvenut ha 'amusement machines' minghand terzi u mhux minghand l-atturi.
Bl-ispejjes.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda tal-attur Joseph Scicluna li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' elf, mitejn u sittin lira Maltin (Lm1,260.00).

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------